MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 143/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin Farrugia)**
**Vs**
**Alessandra Balzan Ruggier**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta’ Dicembru, 2007 ghall-habta ta’ 21.15 hrs, gol-fond 18 “Villa Anthea” Triq il-Gibjun, Attard, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita’ jedd li tippretendi li ghandha, gieghelet bl-awtorita’ taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejjgu, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor, billi fixklet lil zewgha Amadeo Balzan mill-pussess ta’ hwejjgu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha w ikkundannatha multa ta’ mija w hamsin Euro (€ 150).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-19 ta’ Mejju, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux hatja w tilliberaha minn kull imputazzjoni w akkuza w htija skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox ix-xhieda tal-appellanti w hadet biss in konsiderazzjoni dak li xehed Amadeo Balzan. Li l-provi prodotti ma jwasslux ghall-grad rikjest mill-ligi ghas-sejbien ta' htija. Ma giex pruvat li kienet l-appellanti li kienet l-awtrici tar-reat. Is-sentenza kienet ibbazata fuq apprezzament ta' fatt li ma giex pruvat mill-prosekuzzjoni jew, fl-aghar ipotezi, kellu jwassal lill-Ewwel Qorti biex tillibera in vista tal-kunflitt ta' provi. L-appellanti ma kellhiex il-pussess materjali tad-dar dak il-hin li Amodeo Balzan allega li ma setax jidhol gewwa d-dar matrimonjali minkejja li kellu f' idejh il-pussess tac-cwievet ghall-istess. Ma ngabet ebda prova li kienet l-appellanti li ghamlet xi haga fis-serratura tal-bieb tad-dar sabiex Amadeo Balzan ma jkunx jista' jidhol. F' kull kaz, il-prova tad-difiza, konsistenti fix-xiehda tal-appellanti, ghandha fuq bazi ta' probabbilta' tiskossa t-tezi sostnuta minn Amadeo Balzan. Inoltre l-Affidavit ta' PS 1574 Renaldo Cremona ma giex debitament notifikat lill-appellanti u ghalhekk hi rrizervat id-dritt taghha li taghmel kontroezami fl-istadju tal-appell.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tas-16 t' Ottubru, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat.

Illi qabel xejn jidher li jrid jigi delibat u deciz l-ahhar aggravju tal-appellanti w cioe' li hi ma kienetx giet notifikata bl-affidavit ta' PS 1574 Renaldo Cremona esebit a fol. 6 tal-process meta rceviet ic-citazzjoni w li d-difiza indunat bl-ezistenza ta' dan l-affidavit biss meta marret tigbor kopja tas-sentenza appellata biex tkun tista' tappella. B' dana kollu l-appellanti ma kellhiex l-opportunita' li taghmel il-kontroezami ta' dan ix-xhud, fl-ewwel istanza u ergo lanqas quddiem din il-Qorti.

Dan l-affidavit hu importanti w rilevantissmu ghax jikkontjeni allegazzjoni tal-ammissjoni tal-appellanti li kienet hi li sakkritu barra. U peress li hemm konflitt bejn dak li qed jallega l-parti civili Amadeo Balzan u dak li qed tghid l-appellanti, din l-allegata ammissjoni, jekk tirrizulta, tista' tkun determinanti meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi liema miz-zewg versjonijiet hija l-aktar veritjiera.

Quddiem din il-Qorti xehedet dwar din il-kwistjoni **l-Appellanti**, li, nonostante l-avvertimenti robusti li tatha din il-Qorti, baqghet issostni li hi ma rcevietx l-affidavit mal-komparixxi. Xehed ukoll l-Avukat difensur, **Dr. Edward Saliba,** li qal li hu ma kienx jaf li kien hemm affidavit mal-komparixxi w nduna bl-ezistenza tieghu meta mar jiehu kopja tas-sentenza. Hu kien ikkopja b' idejh dan l-affidavit dak il-hin stess. Dan il-punt ma giex trattat quddiem l-Ewwel Qorti.

Minn-naha l-ohra xehed **l-Ispettur Prosekutur Kevin Farrugia** li qal li kellhom immarkat li tqassmet il-komparixxi. Il-komparixxi w l-affidavit johorgu flimkien. Hu, qabel ma kien ghalaq il-provi quddiem l-Ewwel Qorti, kien ikkonferma li kien esebixxa l-affidavit. Il-problema nqalghet waqt it-trattazzjoni dwar dan l-affidavit. Kieku kien hemm problema dwar l-affidavit, kien jivverbalizza li

dan ix-xhud, is-Surgent Cremona kien indispensabbli ghall-prosekuzzjoni w kien jitlob differiment. Kien wara li ghalaq il-provi u waqt it-trattazzjoni li qamet din il-kwistjoni.

Illi mill-*prime note* tal-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2008 (fol. 2) ma hemm ebda indikazzjoni li quddiem l-Ewwel Qorti gie ventolat dan il-punt u nsibu biss li xehed Amadeo Balzan, li l-Prosekuzzjoni pprezentat rapport li gie markat bhala Dok KF1, li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar, li xehdet l-imputata, li d-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u li l-kawza giet deciza.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 360A (1) introdott bl-Att III tal-2002 , jghid testwalment hekk :-

*“Fi proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta’ gudikatura kriminali taht is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 370 il-Pulizija tista’, flimkien mac-citazzjoni jew f’kull waqt li jigi wara, tinnotifika lill-akkuzat kopji ta’ kull affidavit maghmul minn ufficjal pubbliku jew minn impjegat jew ufficjal ta’ korp maqghud imwaqqaf b’ligi u li ghandu jingieb bhala xhud tal-prosekuzzjoni f’dawk il-proceduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jingiebu bhala prova fl-istess proceduri, u jekk l-akkuzat ikun irid jaghmel kontro-ezami lil xi persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa ghandu, mhux aktar tard minn hmistax il-gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufieh wara n-notifika ta’ l-affidavit, javza b’dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b’ittra registrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-ezami ghandha titharrek biex tixhed fil-proceduri :*

*………*

*Izda wkoll meta jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija fiz-zmien provvdut kif imsemmi qabel, dak l-avviz li huwa jkun jixtieq jaghmel il-kontro-ezami jista’ jinghata matul l-ewwel seduta li tigi minnufieh wara n-notifika ta’ l-affidavit F’LIEMA KAZ IL-PERSUNA LI GHANDU JSIRILHA L-*

*KONTRO-EZAMI GHANDHA TITHARREK BIEX TIXHED FIS-SEDUTA LI JKUN IMISS.”* (emfasi tal-Qorti) .

Illi ma saret ebda prova konkluzziva li meta l-appellanti giet notifikata bic-citazzjoni, nghatat ukoll kopja tal-affidavit . Ma giex prodott l-ufficjal tal-Pulizija li ghamel din in-notifika w l-unika prova li ghandha quddiemha din il-Qorti hija c-cahda kategorika tal-appellanti li hi giet ukoll notifikata bl-affidavit, liema cahda hi sa certu punt ukoll korroborata mid-difensur taghha Dr. Saliba.

Issa jekk l-imputata appellanti ma gietx mgharrfa b' dan l-affidavit u bid-dritt taghha li taghmel il-kontroezami ta’ xi xhud tal-Prosekuzzjoni, ovvjament ma setghetx taghmel xi talba biex tkun tista’ taghmel kontroezami. B' dana kollu l-affidavit jinsab esebit fil-process u din il-Qorti tkun trid tiehu wkoll konjizzjoni tieghu meta tigi biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz.

Ghalkemm is-sentenza appellata ma tati ebda motivazzjoni ghas-sejbien ta' htija tal-appellata, mhux eskluz li l-Ewwel Qorti setghet giet influwenzata fil-konkluzzjoni taghha mill-allegazzjoni tal-ammissjoni tal-appellanti kontenuta fl-imsemmi affidavit.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, biex jigi assikurat id-dritt tal-appellanti ghal smiegh gust u xieraq kemm skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali kif ukoll taht dawk tal-Kostituzzjoni ta' Malta w tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-appellanti ghandha tinghata l-opportunita' shiha li tikkontro-ezamina lill-P.S. Cremona dwar l-affidavit tieghu esebit fil-process.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-ahhar aggravju tal-appellanti w tirrevoka s-sentenza appellata izda, biex ma ttellifx lill-Prosekuzzjoni w lid-difiza mil-beneficcju tad-*“doppio esame”*, qed tibghat l-atti tal-kawza lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jinstema’ mill-gdid minnha w wara li jinstemghu il-provi kollha tal-partijiet *viva voce* , inkluz

P.S. 1574 Renaldo Cremona, w jsirilhom kull kontro-ezami opportun, il-kawza tigi deciza mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------